MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Numru 457/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**versus**

**Lawrence Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Lawrence Micallef ta' 44 sena iben Alfred u Rose nee' Vella mwieled Birgu fl-14 ta' April 1963 u residenti Fred Rose, Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 246563(M).

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-19 ta' Mejju 2007 għall-ħabta ta' 10.30hrs, ġewwa San Ġiljan waqt li kien qed isuq jew kellu taħt il-kontroll tiegħu opra tal-baħar, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-

regolamenti, kkaġuna feriti ta' natura gravissima fuq il-ġisem ta' Christian Hubert Leiner.

Il-Qorti kienet mitluba illi f'każ ta' ħtija tisskwalifika lill-imputat milli jkollu liċenzja maħruġa mill-Awtorita' Marittima ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 6); il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 4); il-fedina penali ta' l-imputat a fol 7 et; il-kopja tal-passaport ta' Christian Leiner a fol 24; il-case summary mill-isptar San Luqa a fol 25; iċ-ċertifikat minn Dr M Bartolo MD illi jidher a fol 36; il-patient certification form maħruġa minn St Luke's Hospital a fol 40 ffirmata minn Dr Jonathan Joslin MD; l-istqarrija magħmula mill-imputat a fol 45, 46 u 47, il-liċenzja nawtika ta' l-imputat a fol 48; id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża fejn eżentat lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhud ta' l-istqarrija ta' l-imputat u li l-istess stqarrija saret b'mod volontarju (fol 49); l-esenzjoni li għamlet id-difiża biex il-prosekuzzjoni ma ttellax xhud tar-rapport (fol 49); l-incident report a fol 63; u l-verbal li fih dan il-proċess tħalla għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Illi mix-xhieda ta' Christian Hubert Leiner rriżulta li huwa kien qed jgħum fil-bajja San Ġorġ ma setax jara id-dgħajsa ġejja. Hu kien qed jipprova jieħu n-nifs min-naħa tax-xellug tiegħu waqt illi l-boat giet min-naħa tal-lemin u laqtitu fuq ġenbu u fuq idejh. Idejh intlaqtet mill-iskrun tad-dgħajsa. Il-motor boat kienet żgħira ħafna u kien hemm raġel waħdu fuq il-boat. Huwa ma jafx jgħid kemm kien bogħod mir-ramel meta intlaqat. Huwa kien ilu jagħmel dan l-eżerċizzju għal ġimgħa sħiħa tliet darbiet kuljum. Huwa qal li kien jieħu madwar 15-il minuta biex jgħuma u 15-il minuta biex jerġa' jiġi lura għalkemm ma

kienx ihares lejn l-arlogg. Huwa qal li kien bejn wieħed u iehor 20 metru 'l bogħod imma dan kif pprova jaqta'. Ma kienx ċert mid-distanza meta l-Qorti staqsietu dwarha. Qabel lid-dgħajsa ma kienx raha ġejja. Id-dgħajsa imxiet ftit pero imbgħad id-driver tagħha waqaf biex jara x'kien gara. Hu deher mahsud. Fil-fatt huwa dar lura u pprova itella' lil dan ix-xhud, il-vittma, mill-baħar. Hu ma setgħax jgħinu waħdu u kellu bżonn l-għajnuna ta' ħaddiehor u għadda kemm kemm tal-ħin sakemm ġew nies oħra u ħarġuħ barra mill-ilma. Meta tellgħuh mill-ilma, ħarġuħ mid-dgħajsa u qgħadu jistennew sa ma ġiet l-ambulanza. Hu qalilhom li kien halla l-affarijiet fuq ix-xatt u xi ħadd mar u ġablu l-affarijiet. Meta kien qed jgħum hu kellu biss il-malja ta' l-għawm fuqu. Waqt li kien fl-ambulanza, it-tobba ppruvaw iżommu d-demm għaliex l-arterja kienet maqtugħa f'darbtejn u kien ħiereġ ħafna demm mill-id il-leminija. Wara xi 5 minuti li kien l-isptar, id-demm waqaf ħiereġ minħabba illi l-kirugi ħadu il-prekawzjonijiet kollha. Meta kellu jmur lura lejn il-Ġermanja, kellu jmur għand it-tabib tiegħu u jkompli bit-trattament. Dwar subgħajh, huwa qal illi ma setax iċaqlaqhom tajjeb. It-tabib kien qal li setgħu forsi imorru għall-aħjar. Hawn hekk huwa kien qed jindika ir-raba' u l-ħames subgħa ta' l-id il-leminija.

Fil-konro eżami, mistoqsi jekk kellux xi uġiegħ jew inkella xi offiżi ta' natura gravi fil-palmi ta' idejh, hu qal li l-iktar li kellu uġiegħ kien fin-nervituri. Ix-xhud qal ukoll li hu ma kienx jaqsam min-naħa għal oħra tal-bajja iżda minflok hu kien joħroġ dritt 'l barra. Huwa qal li kien joħroġ min-naħa fejn hemm ir-ramel, dejjem min-naħa tax-xellug u dejjem jara is-siggijiet u l-affarijiet l-oħra fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. Huwa ma kienx telaq min-naħa ta' fejn hemm il-blat. Huwa qal li l-umbrelel u s-siggijiet li kien jara kienu dawk tal-Corinthia. Huwa ma kellux goggles waqt li kien qed jgħum. Huwa nnega li kien qed jagħmel diving. Huwa kkonferma illi x-xufier tad-dgħajsa mill-ewwel dar u mar jgħinu. Meta gew in-nies biex jgħinuh, sa fejn kien jaf dan ix-xhud, kien hemm ċaqlieq mill-posizzjoni oriġinali (fol 21). Imbgħad il-Qorti staqsietu jekk kienx qed jgħum barra mir-restricted area ta' San Gorg u x-xhud qal illi ma setax jgħid eżatt għax ma kienx jaf fejn wieħed jista' jgħum b'rasu mistrieħa u fejn le (fol 23). L-istess xhud

esebixxa l-case summary maħruġ mill-isptar ta' San Luqa skond kif kien ffirmat minn Dr. Keith Cardona li qal illi kien hemm three LCW's fir-right forearm. U bħala proċedura kien hemm 'suturing of wound – muscles ns'. Kien hemm lacerations fir-right forearm in-naħa tal-wrist fejn kien hemm id-demm ħiereġ minn arterja kif wkoll kien hemm laceration fil-forearm. Kien hemm ukoll LCW fil-medial aspect tar-right elbow. Saret operazzjoni urġenti fejn il-ulnar nerve kien maqtugħ fil-minkeb u imbgħad il-pazjent inzamm fuq antibiotics. Kien jidher li l-pazjent kien tilef is-sensazzjoni kollha fil-hames subgħa u kien hemm telf ta' sensazzjoni fil-medial aspect tar-raba' subgħa. Il-pazjent pero rkupra malajr u seta' jmur lura fil-holiday residence tiegħu u wara eventwalment lejn pajjizu jkompli bil-mediċina.

Xehed Mr Anthony Bernard li kkonferma li lil Chrisian Leiner kienu sabulu laċerazzjonijiet f'dirgħajh tal-lemin u fuq dahru u kien operat. Huwa kellu diviżjoni ta' l-ulnar nerve wara l-minkeb u anke kien qata' nerv u arterja fil-polz. U kellu partial cut ta' l-ulnar nerve fil-polz ukoll.

Huwa kien dahal fid-19 tax-xahar u ħareġ fil-21 jiġifieri dam jumejn. Wara ma kienx rah iktar. Huwa ddeskriva il-ġrieħi li sofra Christian Leiner bħala serji. Huwa qal ukoll li il-hydrostat nerve jerggħu jiġġeneraw qishom 1mm kuljum jiġifieri average ta' 6mm fil-ġimgħa. Sakemm jaslu ta' l-id jgħaddu ħafna xhur. Il-muscles u s-sensazzjoni fl-id ma tibqax dik li kienet.

A fol 36 jidher ukoll l-affidavit ta' Dr Frank Bartolo, Medical Administrator f'St Luke's Hospital. Dan kien affidavit magħmul minn Dr. Anthony A Bernard, Konsulent Kirurgu Ortopediku fejn huwa qal li kien eżamina lil Christian Leiner ID 99487S meta ddaħħal fis-sala ta' l-Ortopedija fid-19 ta' Mejju 2007. Hu allegatament kien intlaqat minn speedboat. Kellu laċerazzjonijiet f'digħajh tal-lemin u dahru u kien ġie operat u sabu li kellu l-ulnar nerve maqtugħ wara minkbejh u għamlulu l-punti. Għamlulu punti anke fil-muskoli li kienu parzjalment maqtugħin u fil-polz fejn kien parzjalment maqtugħ anke l-ulnar nerve u l-arterja. Id-driegħ kien mobilizzat fil-ġibs (fol 36).

Xehed ukoll Dr Jonathan Joslin li qal li kien ħareġ bl-ambulanza minħabba li kien hemm xi ħadd li kien qed jgħum fil-bajja ta' San Ġorġ u intlaqat minn speedboat. Huwa sabu fil-Corinthia Marina u deher li kien milqut minn xi propellor ta' l-ispeed boat għax kellu ħafna lacerated wounds (fol 37). Kien konxju, fil-fatt ħaduh bl-ambulanza l-isptar fejn kien eżaminat u deher li kellu lacerated wounds fondi b'tali mod li kellu nuqqas ta' sensazzjoni fis-swaba u kellu nuqqas ta' saħħa fil-movimenti ta' idu. It-tabib hawn għaraf il-firma tiegħu fuq ic-certifikat li kien rrilaxxja dak inhar stess fejn kien qal li kien hemm multiple deep lacerations fir-rigħt forearm involving artery and and tendond rigħt wrist, deep lacerated wounds on the inner aspect of the forearm, lacerated wounds just above the rigħt elbow. Imbgħad kellu abrasions u ticrita fin-naħa ta' wara. Wara kienu tellgħuh għall-operazzjoni. Hu ma kienx rah iktar għax kien Ġermaniż il-pazjent. Lilu kien qallu li kien qed jgħum fil-bajja ta' San Ġorġ u ma kien jiftakar assolutament xejn. Imbgħad intlaqat b'xi ħaġa.

Xehed ukoll l-ispettur Martin Sammut li qal li kien infurmat illi kien hemm persuna li ntlaqat minn speed boat u li kien ttiehed l-isptar minħabba ġrieħi li kellu fid-driegħ tiegħu. L-ispeed boat kienet propjeta' ta' kumpanija li toffri servizzi ta' leisure fuq il-baħar, Sun and Fun. L-ispeed boat kienet misjuqa minn ċertu Lawrence Micallef. Il-Germaniż inżamm l-isptar. Fil-21 ta' Mejju kien ħareġ minn hemm.

Fil-fatt huwa kien kellem lill-Germaniz fit-22 ta' Mejju. Dan kien qallu li kien qed jgħum fil-bajja u f'hin minnhom huwa intlaqat minn speed boat li kienet gejja b'certu velocita' min-naħa tan-nofs tal-bajja. Huwa kien qed jgħum fuq in-naħa tax-xellug tal-bajja taht il-Corinthia San Ġorġ. Huwa kien qed jgħum daqs 10 metri bogħod mix-xatt meta f'daqqa wahda intlaqat minn din l-ispeed boat.

Huwa spjega li d-dgħajsa baqgħet sejra iktar 'l quddiem u imbgħad pero jidher li d-driver kien induna u beda jgħajjat għall-għajnuna u kien rriversja u fil-fatt mar u ġabru.

L-istqarrija ta' l-imputat

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien għazel li jirrispondi kollox. Din tidher a fol 45. Huwa spjega li kien diehel fil-bajja ta' San Ġorġ minn nofsha eżatt bil-gear iżda mingħajr gas ta' xejn. L-ispeed boat għandha mutur ta' madwar 150hp outboard four stroke tal-marka Yamaha.

Huwa sema' hoss ezatt f'nofs id-dgħajsa. Qatagħha free mill-ewwel u nehhieha mill-gear sabiex jieqaf l-iskrun għaliex haseb illi qabad xi cima. Hares lura u meta kien mexa madwar 20 pied, huwa ra ragel fil-baħar li rema' l-maskla tal-baħar minn wiccu go l-ilma u beda jgħajjat 'Sorry, sorry.' Ir-ragel li kien hemm fil-baħar beda jgħid illi kien imwegga' u l-imputat qallu biex jibqa' hemm halli jirriversja ftit. L-imputat beda jgħajjat lin-nies li kien hemm fuq ix-xatt għax wahdu ma setgħax jerfgħu. Billi kien hemm id-distanza deher li minn fuq ix-xatt ma bdewx jifmhuh u beda jagħmel sinjali b'idejh. Kien hemm tnejn min-nies u gew b'dgħajsa zgħira. Għenhom biex jgħabbu lill-Germaniz fid-dgħajsa u dahlu biha fuq il-moll taht il-lukanda Corinthia. Poggewh fuq stretcher u Paul Ebejer staqsieh jekk kienx qed jogħodos u hu qal 'Yes, sorry.' L-imputat beda jipprova jcempel l-isptar izda ħadd ma beda jagħtih informazzjoni. Huwa kien ukoll cempel lis-surgent halli jara kif baqa'.

Huwa qal li kien diehel biss bil-gear mingħajr gass madwar 6 jew 5 knots mhux iktar. Huwa għandu licenzja li jista' jsuq sa' vapuri zgħar, id-daqs tal-vapur ta' Għawdex. F'dan il-mestier huwa ilu ħafna minn mindu kien tifel. Fil-fatt missieru għandu kumpanija tad-dgħajjes. Huwa qatt ma kellu incident fil-baħar. Meta kien mistoqsi jekk hux veru li kien għaddej b'iktar minn 6 knots, l-imputat wieged li kieku kien għaddej iktar minn 6 knots, kieku kien iqattgħu lill-Ġermaniż. Huwa qal li kien jaf x'qed jgħid għax il-mutur għandu torque qawwi li biha dik id-dgħajsa tista' tiġbed dgħajsa kbira daqs il-Captain Morgan u l-mutur ma jbattix. Li kieku kien hemm bniedem taht id-dgħajsa u l-iskrun baqa' jdur, kieku kien jingibed u

kien iqattgħu. Peress li kif sema' t-tahbita minn nofs id-dgħajsa, kien pront u qata' free l-iskrun, ma baqax idur u laqtu bil-fin ta' taht. Minhabba li l-ilma għandu rezistenza qawwija, l-iskrun jieqaf idur mill-ewwel. Huwa ra xi ġriehi fuq l-id tal-lemin tal-vittma. Huwa qal li kien eżattament f'nofs il-bajja, 'l fuq minn 100 metru f'nofs is-swimming zone eżatt. Huwa kien gieli saq dgħajjes f'din il-bajja meta kien mal-Yellow Fun. L-imputat baqa' jgħid li l-vittma kien taħt l-ilma u lilu ma rahx u ma kienx jaf minn fejn kien ġej ix-xufier tad-dgħajsa għax kieku daħal bis-saħħa kien jisma' ħass u cioe it-tvenvina tal-mutur u kien jinduna li ġejja speed boat (fol 47).

Xehed Paul Ebejer li qal li kellu l-kumpanija Fun & Sun Motor Sports. Dak il-ħin ta' l-inċident kien fl-uffiċċju tiegħu ġewwa il-Corinthia. Hareg mill-uffiċċju u ra dgħajsa minn tagħhom dieħla lura mill-vjaġġ li kien għadu kif sar lejn il-Belt. Il-vjaġġ kien għamlu l-imputat. Huwa ra lill-imputat dieħel fil-bajja ta' San Ġorġ, ġej min-naħa ta' barra f'nofs il-bajja u riesaq f'nofs il-bajja quddiem il-Corinthia fejn hemm baga. Huwa kien riesaq bil-mod biex jigbor il-baga u jhalli d-dgħajsa hemm hekk. Imbgħad huwa induna li kien gara xi haga. Huwa haseb li xi ħadd kien qabdu bugħawwig u huma s-soltu jgħinuh. Hemm hekk huma pero raw li l-persuna kellu xi feriti li hu osserva fuq id-driegħ għalkemm ma setax jiftakar jekk hux il-lemin jew ix-xellug. Nizzlu sunbed u hallewh jimtedd fuqha u daru xi 3 jew 4 miegħu u dahhluh fejn hemm l-ufficcju. Il-Germaniz kien qallu li għodos u meta tela' fil-wicc sab din il-boat (fol 53). L-imputat kien kellmu dak inhar u qallu li kien dieħel bil-mod u f'daqqa wahda sema' hoss u meta hares fuq il-ġenb jew fuq wara induna li kien hemm bniedem, irriversja, ra xi maskla u imbgħad beda jgħajjat għall-ajjut. Meta mistqosi ix-xhud qal li hu ma kienx ra maskli iżda l-imputat kien qallu li kien ra maskla fil-wicc u dan kien nehhieha għax kien weġġa' u raha tegħreq. Il-Germaniz kien qallu li kien qed jogħdos. Ix-xhud kompla jispjega li kien hemm tliet hbula li jindikaw fejn wieħed għandu jgħum, cioe is-swimming area. Kien hemm wahda quddiem il-Corinthia, wahda quddiem il-Westin u faċċata quddiem l-MMA. Ix-xhud qal li l-baga qegħda f'nofs il-bajja bħala distanza li tiġi 'l bogħod miż-zona ristretta

għall-għawwiema. Huwa kkonferma illi l-Ġermaniż kien barra miż-żona ristretta għall-għawwiema. L-imputat kien diehel bil-mod. Fil-fatt dan ix-xhud qal li jekk jisma' xi dgħajsa għaddejja b'ċertu speed johrog u jara jekk hix xi waħda minn tagħhom għax il-ħaddiema jafu li jekk isuqu fil-bajja jitilfu x-xogħol. Ma hemmx second chance dwar dan. Huma semma' tnejn min-nies ohra li taw l-għajnuna fosthom Chris Brimmer u Elton li ma kienx jaf x'kunjomu.

Xehed Chris Brimmer li qal li kienu fuq il-bajja ta' St George's Bay u l-baħar kien naqra imcafcaf u f'daqqa wahda sema' l-għajjat. Huwa hares u ra lil Lawrence jieqaf b'ragel magenb id-dgħajsa u beda jgħajjat għall-ajjut. Bdew jgħajjtu għall-ajjut kemm l-imputat kif wkoll il-barrani. Huma kienu għenuh jitla' l-art u tawh l-ewwel għajnuna għax jafu il-first aid u stennew l-ambulanza. Meta ra l-ambulanza u l-pulizija, il-Germaniz bidel il-verzjoni tiegħu. Dan ix-xhud beda jgħid illi kien rah bil-maskla f'rasu wkoll u kien qed jogħdos. U ballun ma kellux. Avolja snorting huwa fil-wicc, irid ikollok il-ballun.

Il-Qorti rat ukoll il-miscellaneous incident report li fih l-imputat qal li kien miexi bl-ispeed boat bil-mod fil-bajja meta sema' daqqa ma taht tad-dgħajsa. Huwa waqqaf id-dgħajsa biex jara x'kien gara. Malli ra li persuna kienet intlaqtet, huwa għajjat għall-għajnuna. Il-pulizija kienu tkellmu wkoll mal-vittma li qal li kien qed jgħum meta intlaqat minn dgħajsa. Lawrence Micallef l-imputat kien qal lill-pulizija li l-vittma kienet qed tgħum barra mit-tliet safety swimming zones li ntwerew ukoll lill-pulizija. L-imputat wera lill-pulizija li huwa kellu Malta Maritime Authority Driving Licence maħruġa fl-10 ta' Novemru 2006.

<u>Xhieda difiża</u>

Xehed l-imputat li qal li hu kien gej min-naħa tal-Belt sejjer lejn id-Dragonara. Meta ser taqbad il-ponta tad-Dragonara, inti jkollok 150hp u tagħmilha gliding, jiġifieri tkun ingranta biss u tkun qed tagħmel bejn 6 u 8 knots. Iżda peress li r-riħ kien gej mill-Grigal, dan jaqbdek mill-poppa b'forza 3 u 4 u d-dgħajsa dejjem tagħmillek dawk l-

11 jew 12 pero inqas ma tistax ssuqha għax tkun diġa gliding.

X'ħin wasal f'nofs il-bajja ezatt kien baqgħalu bejn wieħed u ieħor bejn 8 jew 10 metri għall-baga u allura ma tistax tmur bis-saħħa għax ikun hemm il-baga. Min-nofs id-dgħajsa ħass daqqa u ħaseb li kien hemm baga oħra u kienet qegħda miegħu minħabba l-mewg. Għal ftit sekondi ma ra xejn u wara ra lil dan il-bniedem jgħajjat 'Sorry, sorry' minn warajh. Għall-ewwel tkellem bil-Germaniz pero imbgħad qal 'Sorry, sorry' bl-Ingliz. Hu qallu 'It's ok.' Infatti kien ser jerga jmur biex jorbot. Imbgħad qallu 'Come, come' u rriversja u ra li l-vittma kellu d-demm f'idejh. Huwa tela' fuq il-pruwa tad-dgħajsa biex jigi għoli u xejjer lin-nies ta' fuq ix-xatt għax kien f'nofs il-bajja ezatt. Kien hemm tnejn li qabzu fuq dinghy u gew hdejh u għabbew lill-vittma. Huma marru fl-art u kellu maskla f'rasu li nehhewhielu u waqgħet il-baħar. U sa hemm hekk ammetta li beda jogħdos mingħajr ballun. Hu kien qabez it-tliet swimming zones kollha. Cemplu l-għassa u l-ambulanza. Huwa stess rabatlu idejh sewwa minhabba d-demm u għamel dak li seta'. L-imputat kkonferma li kien għamel statement. Fil-fatt hu ra fol 45, 46 u 47 u kkonfermahom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

L-imputat huwa akkużat bl-artikolu 226(1)(a)(b) tal-Kap 9. L-elementi ewlenin ta' dawn l-artikoli huma:

(a) L-ewwel elementi: Nuqqas ta' ħsieb / Traskuraġni / nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni / b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti;

(b) Offiża fuq il-persuna;

(ċ) l-Offiża jkollha l-konsegwenzi ta' l-artikolu 218 jew mingħajr il-konsegwenzi ta' l-artikolu 218.

Mill-fatti jirriżulta li Christian Huber Leiner kien qed jgħum fil-Bajja ta' San Ġorġ meta ntlaqat mid-dgħajsa li kien qed

isuq l-imputat ġewwa l-istess bajja. M'hemm ebda ċaħda mill-imputat li ma kienx hu li qed isuq id-dgħajsa.

Jirrżulta li l-allegat vittma sofra offiża fuq il-persuna għaliex mill-atti huwa ppruvat li l-vittma sofra offiża gravi f'idejh. Ma jidhirx li sarfet xi prova li l-offiża hija waħda permanenti u għalhekk l-offiża taqa' taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 u mhux taħt l-artikolu 218 ta' l-istess Kap. (Ara fol. 25, 36 u 40 b'mod partikolari).

Responsabilita' o meno ta' l-imputat.

L-imputat mill-ewwel stqarr li kien f'nofs il-bajja u f'nofs is-swimming zones meta seħħ l-aċċident. Huwa nnega li kien qed isuq b'aktar minn sitt knots l-ewwelnett għax kien wasal qrib il-baga u għalhekk ma tistax issuq b'veloċita' u t-tieni għaliex , skond ma qal hu, kieku kien qed isuq bil-qawwi, kieku kien iqatta' lill-vittma.

M'hemmx qbil dwar jekk l-allegat vittma kienx qiegħed jisnorkilja jew le. Il-vittma qal li kien liebes malja ta' l-għawm biss. Huwa nnega bl-aktar mod kategoriku li li ma kienx qiegħed jogħdos:

'No I was not diving.' (Fol.20).

Min-naħa l-oħra l-imputat xehed li l-vittma kellu maskla f'rasu u neħħewhielu u waqgħet il-baħar. Fl-istqarrija tat-22 ta' Mejju 2007 huwa kien stqarr:

'X'ħin ittawwalt lura rajt raġel fil-baħar li rema l-maskla tal-baħar minn wiċċu ġo l-ilma u beda jgħajjat 'sorry, sorry, sorry.'

L-istess qal Christopher Brimmer li qal:

'Li naf żgur, nixtieq ngħid xi ħaġa li hu kien bil-maskla f'rasu wkoll. Hu kien qed jogħdos' (Fol.60).

L-istess xhud qal ukoll li l-allegat vittma kien qal 'It's my fault. It's my fault.' U wara l-vittma biddel il-verżjoni tiegħu. (Fol.60) meta ra l-ambulanza u l-Pulizija.

Il-vittma qal li hu kien aktar lejn il-ġenb tax-xellug tal-bajja madwar għoxrin metru u kien qed jgħum f'linja dritta jekk titlaq minn fejn hemm ir-ramel fil-bajja ta' San Ġorġ. Huwa qal ukoll li l-imputat ma rahx għax ġie min-naħa tal-lemin waqt li hu kien qed jgħum fuq ix-xellug. Fil-fatt il-vittma xehed:

'Prosecution: But before the boat hit you, did you see it coming?

Witness: No probably I only looked on the left side and the left side was the hotel and the boat comes from here and hits me, so it comes form the rigħt side and hits me here.' (Fol.13).

Il-vittma qal ukoll li bejn wieħed u ieħor, ilu li telaq minn ħdejn ir-ramla għal madwar tnax-il minuta jew aktar u li ma kienx qed jaqsam il-bajja min-naħa għall-oħra, jiġifieri hu kien qed jgħum lejn il-baħar miftuħ.

Wara li qieset dawn il-fatti, il-Qorti qed tiżen jekk l-imputat kienx responsabbli kriminalment għall-akkadut.

Saret insistenza fuq żewġ punti:

a) Li l-vittma ma kienx fi swimming zone;
b) Li l-vittma ma ħax il-prekawzjonijiet waqt li kien qed jogħdos.

Il-fatt li għawwiem ma jkunx qiegħed fi swimming zone ma jeżonara lill-ebda sewwieq ta' opra tal-baħar awtomatikament. Is-sewwieq ta' l-opra tal-baħar, bħas-sewwieq ta' vettura fuq l-art, irid dejjem iżomm a proper look out għaliex huwa dejjem possibbli li l-għawwiema kapaċi jkunu jridu joħorġu miz-zoni ristretti u m'hemm ebda liġi li tipprojbihom milli jagħmlu dan. Dan jorbot aktar u aktar fil-bajjiet Maltin li fil-maġġoranza tagħhom huma żgħar ħafna u l-Bajja ta' San Ġorġ żgur mhix xi waħda ta' kobor fenomenali. **Il-baħar fil-miftuħ huwa ta' kulħadd u l-propjeta' ta' opra tal-baħar ma ttik ebda**

**dritt li ssuq bl-addoċċ u kif trid għaliex m'intix fiz-zona ristretta.**

Jiġifieri, wkoll jekk l-akkadut sar barra mit-tliet zoni ta' għawm indikati, ir-responsabbilita' tibqa' hemm.

Il-Qorti wkoll qed tirribadixxi l-prinċipju li fil-Liġi Kriminali n-negliġenza kontributorja tal-vittma ma tassolvix lill-imputat mir-reat.

Hawn il-Qorti ser tirreferi għal deċiżjoni mogħija dwar dawn il-punti fil-5 ta' Ġunju 2008 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Kelly Dimitri', każ ta' inċident stradali)(Qorti ta' l-Appell Kriminali) fejn il-Qorti qalet hekk:

**'Illi s-sewqan ħażin, ma jikkonsistix biss fi speed eccessiv imma jista' talvolta ukoll jirrizulta meta driver jikkommetti dak li *in subiecta materia* jissejjah *"an error of judgement"*, cioe' meta jassumi jew jikkalkola ħazin u jieħu riskju li driver prudenti ma jiħux, billi jagħmel xi manuvra inkonsulta fis-sewqan tiegħu. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Charles Bartolo" [Kollez. Vol. XLIII , iv. p.1015], fejn gie citat b'approvazzjoni dak li ntqal mill-Qrati Inglizi f' "Simpson vs. Peat (1952) (All. Eng. Law Rep. P.447) Criminal Law Review . Dec. 1958) :-**

***"It is negligence to make an error of judgement that a reasonably prudent driver would not make."***

**Id-diliġenza ta' sewwieq għandha tikkomprendi l-addozjoni ta' dawk il-mezzi li huma addattati biex jiġu evitati konsegwenzi ta' sewqan ħażin ta' ħaddieħor jew ta' aġir inkonsult pedestrian. (App;Krim. Pulizija veruss Arthur Naudi (Kollezzjoni Vol.XXX IV p.625)**

**Imbagħad il-fatt li l-pedestrian f'dan il-każ seta' wkoll kien konfuż jew negliġenti b'mod li bil-movimenti tiegħu seta' ppreċipita sa ċertu punt l-inċident ma jfissirx awtomatikament li d-driver għandu jiġi eżonerat mir-responsabilita' kriminali. Di fatti ġie ritentu ripetutament mill-Qrati tagħna li f'sede**

**kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendement minn dak li jagġmel ħadd ieħor amenoche dak li jiġir ma jkunx dovut unikament u esklussivament għall-ħtija da parti ta' dak il-ħaddieħor. (Ara: App.Kriminali 'Il-Pulizija versus Gaetano Schembri (16.03.1961). 'Il-Pulizija versus John Polidano (3 ta' Novembru 1963); Il-Pulizija versus Rev.C.Mifsud (Kollezzjoni Vol.XXXVII.IV.p 1131) u tant u tant sentenzi oħra. Il-'contributory negligence' ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx hi l-kawża unika tas-sinistru. (Appelli Kriminali. Il-Pulizija versus P.Vassallo (Kollezzjoni XXXVIII.IV. p.883)'.**

Il-prinċipji imfissra f'din is-sentenza ma jgħoddux biss għas-sewqan fit-toroq, anzi jgħoddu wkoll fuq il-baħar.

Għalhekk, meta jkunu kkonsidrati dawn il-prinċipji, il-Qorti trid tiddeċiedi jekk kienx l-allegat vittma unikament responsabbli mill-inċident.

Mill-provi ma jirriżultax li l-imputat ma osservax ir-regolamenti jew li kien qed isuq b'mod eċċessiv.

Iżda is-sewqan ħażin ma jikkonsistix f'sewqan eċċessiv biss . Jista' jkun hemm 'an error of judgement' billi jagħmel xi manuvra li mhux suppost jew jieħu xi riskju.

Il-Qorti eżaminat il-provi bir-reqqa fuq dan il-punt ukoll, jiġifieri jekk għamilx xi error of judgment jew jekk ma kienx attent biżżejjed.

Mill-provi jidher li skond kif stqarr l-impuat l-allegat vittma ħabat mal-qiegħ tad-dgħajsa li kien qed isuq. Il-ġrieħi ftit jitfgħu dawl dwar fejn saret il-ħabta b'ħafna mill-ġrieħi kkonċentrati fl-id għalkemm mir-rapport ta' Dr.Joslin jidher li hemm ferita fl-iscapula (l-għadma tan-naħa ta' fuq tad-dahar) kif ukoll fuq in-naħa ta' wara tal-hip li jistgħu jsaħħu dak li qal l-imputat.

Il-Qofrti rraviżt ukoll xi ftit tal-konflitt fix-xhieda dwar il-maskla għaliex fl-istqarrija l-imputat jgħid li l-vittma neħħa

l-maskla u waddabha fil-baħar waqt li kemm l-istess imputat, waqt li kien qed jixhed, kif ukoll Christopher Brimmer xehdu li dan kienet għadha f'wiċċ il-vittma tant li l-imputat qal 'Neħħejnihielu.'

Meta kkonsidrat dawn id-dettalji kollha, il-Qorti baqgħalha dak il-lurking doubt jekk l-imputat kienx **traskura**t waqt li kien dieħel bid-dgħajsa fil-Bajja ta' San Ġorġ..

**Konklużjoni.**

Minħabba li d-dubju għandu jmur favur l-imputat, il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a)(b) tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------